# L-Aħbar

mill-Provinċja S. Pawl Appostlu - Malta

Ġunju 2016
Nru. 208

## L-Arċisqof fl-Art Imqaddsa



Pellegrinaġġ ta' disat jiem fl-Art Imqaddsa ħa lill-Arċisqof Scicluna u lill-pellegrini Maltin u Għawdxin fl-aktar postijiet prominenti fejn Kristu nnifsu kien preżenti. Hu kien akkumpanjat mmn P. Twanny Chircop, Kummissarju tal-Art Imqaddsa.

L-Arċisqof Charles J. Scicluna rritorna Malta l-Ħamis 12 ta' Mejju wara li mexxa pellegrinaġġ ta' disat ijiem fl-Art Imqaddsa organizzat mill-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa. Fl-Art Imqaddsa, minbarra li mexxa l-pellegrinaġġ b'59 persuna, l-Arċisqof Scicluna kellu laqgħat uffiċjali mal-Ministru tat-Turizmu tal-Awtorità Palestinjana u mal-Viċi Sindku ta' Betlem. Dawn il-laqgħat saru fil-preżenza tas-Sur Reuben Gauci, ir-rappreżentat ta` Malta għall-Awtorità Palestinjana.

F`kumment meta wasal lura Malta, l-Arċisqof Scicluna ħeġġeġ lill-Insara Maltin biex għallinqas darba f'ħajjithom iżuru l-postijiet sagri fl-Art Imqaddsa marbuta mal-ħajja ta' Kristu. Hu qal li dawn il-postijiet iressqu lill-Insara ferm aktar viċin il-Vanġelu u għalhekk wieħed ikun jista' jifhem aħjar f'liema atmosfera beda jinxtered il-messaġġ Nisrani.

L-Arċisqof Scicluna qal li l-atmosfera f 'Iżrael hi waħda kalma u ħadd m' għandu jibża' jżur postjiet sagri bħal Ġerusalemm, Betlem, il-Galilija u Nazaret.

L-Arċisqof Scicluna rringrazzja lill-Patrijiet Franġiskani tal-istedina li għamlulu li jmexxi dan il-pellegrinaġġ.





## Niċċelebraw Jum il-Missier

Hekk kif f'Mejju, xahar dedikat lil Ommna Marija, niċċelebraw "Jum l-Omm", issa jmiss li matul dan ix-xahar ta' Ġunju niċċelebraw "Jum il-Missier". U kif jista' jkun li speċjalment f'dan il-Ġublew tal-Ħniena, dan il-jum hekk għażiż ma jfakkarniex ukoll fil-Missier tagħna tas-Sema. Missier "Għani fil-Ħniena" li kif igħidilna San Ġwann, "Għax Alla hekk ħabb lid-dinja, li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem." (Ġw. 3,16). Kif jixhed ukoll il-Vanġelu ta' San Luqa (Lq. 15, 11-32), l-istess parabola li jirrakkonta Ġesu' tal-Iben il-Ħali, hija fil-fatt kif l-istess Iben qiegħed jirrivelalna dak kollu li għandna nagħrfu dwar il-Missier tiegħu, li jridu li jkun għalina ukoll, Missier tagħna.

Iva, għidt "nagħrfu" u mhux "nafu" għax Ġesu' ma jridx li aħna nkunu biss "nafu" fuq Missieru, iżda jridna "nagħrfu lilu" bħalma jagħrfu Hu. Il-kelma "tagħraf" fil-Kotba Mqaddsa, hija kelma qawwija ħafna. Użatha saħansitra Marija fit-tħabbira tal-anġlu meta staqsietu, "Kif ikun dan, la jiena ma nagħrafx raġel?" (Lq. 1,34) Li tagħraf tfisser "relazzjoni, esperjenza ta' intimita'". Hija l-istess Kelma li insibu fil-Ktieb ta' Ġeremija, "Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek…." (Ġr. 1, 4) F'kelma waħda Alla qiegħed igħidlu lil Ġeremija, "Mhux biss

*ikompli f'paġna 2*

*minn paġna 1*

kont nafek qabel ma ħlaqtek, imma wkoll kont naf dak kollu li kien ser ikun hemm xi tkun taf dwarek!"

Kemm għandha tkun ta' konsolazzjoni għalina lkoll li nkunu nafu li lilna Alla l-Missier jafna u jaf dak kollu li hemm xi tkun taf dwarna, bil-passat, bil-preżent u bil-ġejjieni. Mqar dak kollu li huwa moħbi għalina stess, Alla jaf bih u jafu sewwa. Mhux moħbi minnu. U hawn niftakar f'qawl Taljan li jgħid hekk, "Dio vede e provede". Alla jara u jaħseb bil-quddiem. Bħal fir-rakkont tas-Slaten Maġi, meta fil-ħolm qalilhom sabiex imorru lura minn triq oħra, għax kif kien qal lil Ġużeppi f'ħolma wkoll, "Erodi kien ser ifittex lit-tifel biex joqtlu!" (Mt. 2, 12-13) Kien lanqas biss għadu għadda mill-garigori ta' moħħ Erodi li jfittex u joqtol lit-tifel, u Alla kien diġa' jaf b'dan u ħaseb għalih minn qabel.



Kemm niftakkru dan kollu kull darba li nistqarru l-Fidi tagħna u ngħidu, "Jiena nemmen f'Alla: il-Missier li jista' kollox"? Kemm għandna bżonn niftakkru dak li jgħidilna l-Vanġelu li "Għal Alla ma hemm xejn li ma jistgħax isir!" (Lq. 1,37) Kemm jeħtieġ, f'dan il-Jum iddedikat lil Missier, niftakkru dak li Ġesu' jgħidlna dwar il-Missier tiegħu, li huwa wkoll il-Missier tagħna, "Mela jekk Alla jlibbes hekk imqar ħaxixa selvaġġa li llum hawn u għada tinxteħet fil-forn, kemm aktar lilkom, nies ta' fidi ċkejkna! Għalhekk toqogħdux tinkwetaw ruħkom u tgħidu, 'X'se nieklu?' jew 'X'se nixorbu?' jew 'X'se nilbsu?', għax dawn huma kollha ħwejjeġ li jfittxuhom il-pagani. Imma Missierkom li hu fis-smewwiet jaf li dan kollu teħtiġuh. Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla, u dan kollu jingħatalkom ukoll. (Mt.6, 31 – 34). Jew ukoll, "Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu?» (Lq.11,13) Missierna, jitqaddes Ismek, tiġi Saltnatek, ikun li trid Int, illum, kull jum u dejjem! Il-Mulej jagħtikom is-Sliem !

*P. Richard S. Grech, OFM*
*Ministru Provinċjal*

## Definitorju Provinċjali - 17 ta' Mejju

Id-Definitorju Provinċjali ltaqa' ġewwa l-Kunvent tagħna tr-Rabat nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju fid-9.30am. Preżenti għall-ewwel parti tal-laqgħa kien hemm il-Perit Paul Cuschieri ta' *Cuschieri and Associates* li magħhom hemm ftehim għall-bini tat-tielet sular fuq id-Dar tal-Irtiri Porziuncola fejn ser ikunu ospitati l-aħwa anzjani, u s-Sur Paul Camilleri, *Financial Adviser* tal-Provinċja tagħna. L-ewwel wieħed tkellem fuq il-proġett u ppreżenta pjanti dettaljati u ritratti ta' kif huwa maħsub isir. Ser ikun hemm tmintax-il kamra kollha *ensuite*, sitta minnhom għal min ikun bed ridden. Kappella kċina, *dining/living area combined, nurse room* u *clinic, roof garden* u karma mortwarja fost l-oħrajn. U t-tieni wieħed tkellem fuq il-finanzjament tal-proġett. Aktar tard f'Ġunju il-Ministru Provinċjal u s-Sur Camilleri sejrin jitilgħu Ruma sabiex jiltaqgħu mal-Ekonomu Ġenerali dwar dan.

Wara kien imiss li naraw il-pjanti tal-kunventin li ser jinbena fuq iċ-ċentru tagħna ta' Għajnsielem. Il-pjanti huma tal-Perit Edward Scerri. Dan il-kunventin ser ikollu ħames kmamar tas-sodda *ensuite*, kappella, u *kitchen u dining area combined open plan* ma *living area*. L-iskop ta' dan il-proġett huwa sabiex waqt li l-aħwa li jkunu jgħixu hemm ikollhom dak kollu meħtieġ u ċertu kumdita' u privatezza, il-kumplament tal-Kunvent, waqt li jibqa' **dejjem u kollu kemm hu tagħna**, ikun jista' jintuża minn terzi **mingħajr ebda' titlu ta' propjetà**, b'mod li jkun jista' jħalli dħul finanzjarju **mhux taxxabbli** għall-fraternità. Nafu li aktar ma jmur, aktar ma' l-ħajja qed togħla, aktar qed jonqos id-dħul għall-għixien tal-aħwa kemm mill-elemożina tal-quddies kif ukoll mill-ġbir. Mill-banda l-oħra, bil-moviment ta' nies deħlin u ħerġin fil-Kunvent, ikun garantit li bl-ebda' mod u fl-ebdà ħin, ma jista' jkun hemm lok ta' abbużi jew allegazzjoni tagħhom.

*ikompli f'paġna 3*

### Ġunju
## Appuntamenti

**5** ta' Ġunju, Festa Sant'Antnin - Għawdex

**13** ta' Ġunju, Definitorju Provinċjali - Rabat

**18** ta' Ġunju, Jum is-Sejħa Franġiskana: Valletta

**25** ta' Ġunju, Jum is-Sejħa Franġiskana: B'Kara

### Birthdays - Ġunju

07. P. Tony Briffa
08. P. Pierre J. Farrugia
27. P. Norbert Ellul Vicenti

### Festi - Ġunju

02. P. Marcellino Micallef
06. P. Norbert Ellul Vincenti
13. P. Twanny Chircop
13. P. Tony Briffa
13. P. Anton Farrugia
13. Post. Antoine Galdes
24. P. Gwann Azzopardi
29. P. Pierre J. Farrugia
30. P. Raymond Camilleri

## Vocations EXPO fis-Seminarju tal-Arċisqof

Il-Ġimgħa 6 ta' Mejju fis-Seminarju tal-Arċisqof f'tal-Virtù r-Rabat, ġiet organiżżata 'Vocations EXPO' fejn diversi forom tal-Ħajja Reliġjuża kienu mistiedna biex ikellmu t-tfal tal-Form 1.

Bħala Vokazzjonijiet Franġiskani konna preżenti biex aħna ukoll nuru s-sabiħ tal-ħajja Franġiskana. Dan sar fuq medja ta' għoxrin minuta kull klassi. P. Stephen Magro, OFM Animatur Vokazzjoni, P. Joseph Magro, OFM u Antoine Galdes Postulant spjegaw din il-ħajja mibnija fuq il-ħajja ta' San Franġisk.

Wara l-ispjega it-tfal raw video qasir dwar il-kunventi tagħna. Lejn tmiem il-laqgħa setgħu jieħdu santi u brochures relatati mal-ħajja tagħna. Issa importanti li aħna nkomplu nitolbu biex dawn it-tfal ikunu imdawlin biex jagħrfu dak li Alla jrid minnhom.



## Itemmu l-Kors tal-Baċellerat fit-Teoloġija

Ħutna Fr. Ramon u Fr. Clive għadhom kemm temmew l-aħħar sena ta' studju ġewwa l-Pontificia Università Antonianum ġewwa Ruma u bħalissa qed jippreparaw biex jibdew l-aħħar sessjoni ta' eżamijiet li tinkludi wkoll id-diskussjoni tat-teżi li ħejjew tul din is-sena universitarja. Fra Ramon se jiddiskuti it-teżi tiegħu bit-titlu "Una sfida per l'antropologia e per l'educazione sessuale Cristiana" fit-23 ta' Ġunju, u Fra Clive se jiddiskuti it-teżi tiegħu bit-titlu "Il ritrovamento della croce attraverso gli autori di IV e V secolo. Riflessioni storiche, archeologiche e teologiche" fis-27 ta' Ġunju.

Huma mistennija jirritornaw Malta fil-bidu ta' Lulju sabiex ikomplu jippreparaw kemm għall-Professjoni Solenni fil-każ ta' Fr. Clive, kif ukoll għall-Ordinazzjoni Djakonali. Filwaqt li nawgurawlhom, nkomplu nitolbu għalihom.



## ...mid-Definitorju Provinċjali

*minn paġna 2*

F'dawn iż-żminijiet wieħed irid joqgħod ħafna attent minn dan.

Għat-tieni parti tal-laqgħa kienu preżenti l-membri tal-Kummissjoni ad hoc imwaqqfa bejn il-Provinċja tagħna u l-Kustodja tal-Ingilterra biex tistudja l-possibilta' u tħejji *road map* ta' kollaborazzjoni bejn dawn iż-żewġ entitajiet fl-ispirtu tal-Ordni. Dawn huma Fr. Michael Copps ofm u Fr. Antoine Baya ofm minn naħa tal-Kustodja Ingliża u Fr. Charles Grech ofm u Fr Stephen Magro ofm għall-Provinċja tagħna. Il-ħsieb huwa li jintbgħatu aħwa Londra sabiex igħinu fil-ħidma pastorali peres li kulma jmur, il-Kustodja Ingliża qed titnaqqar fin-numru, li bħalissa huwa ta' 29, u hemm numru sostanzjali minnhom, 14 li għandhom il-fuq minn tmenin sena. Il-ħsieb huwa li l-aħwa Maltin ikunu jiffurmaw parti mill-fraternita' ta' Stratford ġewwa Londra, fejn hemm fost l-oħrajn parroċċa u skola. Bl-iskop li dan ikun jista' jintlaħaq, gie miftiehem li issir esperjenza aktar fit-tul ta' xi xhur, wara dik li għamlu ta' ftit jiem P. Charles Grech ofm u P. Stephen Magro ofm, li baqgħu ħafna impressjonati pożittivament.

Fl-aħħar nett ġew milqugħa t-talbiet ta' ħuna Fr. Clive sabiex jagħmel il-Professjoni Solenni f'Settembru u jiġi ordnat djaknu f'Ottubru li ġej. Fr. Ramon ser iressaq fil-jiem li ġejjin it-talba tiegħu biex jiġi milqugħ għad-Djakonat. Laqgħa oħra ser issir ġewwa Porziuncola Retreat House nhar is-27 ta' Ġunju, 2016, mal-Gwardjani u s-Superjuri Lokali flimkien mas-Sur Victor Axiaq u P. Dijonisju Minftoff ofm, fuq proposta tal-Laboratorju tal-Paċi, biex innaqqsu sostanzjalment il-*Carbon Footprint* tal-fraternitajiet tagħna, fi spirtu tal-*Laudato Si* u d-dokument finali tal-Kapitlu Ġenerali ta' Mejju 2015.

## Fr. Jimmy Zammit, Definitur



Waqt il-Kapitlu Provinċjali tal-Provinċja Amerikana tal-'Immaculate Conception' li sar ix-xahar li għadda Fr. Jimmy Zammit ġie elett definitur Provinciali b'responsabiltajiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kanada. Il-Provinċjal minn naħa tiegħu f'isem il-Provinċja, awguralu suċċess fil-ħidma ġdida tiegħu.

## Laqgħa tal-JPIC



Bejn it-22 u d-29 ta' Mejju, 25 Patri minn madwar l-Ordni iltaqgħu ġewwa Verona għal-laqgħa tal-Ġustizzja, Paċi u Intergrità tal-Kreat (JPIC).

Għal din il-laqgħa bħala rappreżentant tal-Provinċja tagħna kien preżenti P. Dionisju Mintoff li huwa il-fundatur tal-Laboratorju tal-Paċi kif ukoll tal-Franciscans International. It-tema prinċipali kienet kif nistgħu negħlbu il-kriżi tal-immigrazzjoni? Waqt il-laqgħa ħareġ li huwa importanti li ma naqgħux fil-*clichés* li jiġġeneraw indifferenza. Is-sejħa tagħna biex isegwu Ġesù Kristu, sostni l-kariżma ta' S.Franġisk t'Assisi, u jitlob minna biex tgħaddas lilna nfusna fil-qalba kompassjoni ta 'Ġesù.

## Formazzjoni Permanenti



F' Dar Frate Jacoba, Marsaskala t-Tnejn 16 ta' Mejju saret it-tielet sessjoni ta' Formazzjoni Permanenti bit-Tema: End poverty in all its forms everywhere. Is-sessjoni bdiet fl-9.30 b'messaġġ mill-Minstru Provinċjal u P. Mark Ciantar, OFM.

Mbagħad beda mument ta' talb. Il-kelliem mistieden tkellem fuq il-ħtieġa li l-faqar jispiċċa u wera li aħna nistgħu naħdmu biex dan issir realtà. Kull wieħed minna huwa strumentali u huwa importanti li nibdew minna stess billi nieħdu ħsieb li dak li nagħmlu u nixtru ikun sostenibbli.

## Festa tas-Sokkors Perpetwu

Nhar il-11 ta Mejju, fil-Knisja Franġiskana tal-Ħamrun ġiet iċċelebrata l-festa tal-Madonna tas-Sokkors Perpetwu. Il-festa spiċċat b'Pellegrinagg bl-ikona tal-Madonna u wara Quddiesa mill-Provincjal, Fr. Richard S. Grech, OFM.



## Żmien tal-Għid fi Tripli



Iż-żmien tal-Għid kien żmien impenjattiv anke għall-Knisja fi Tripli. Grupp ta' 15-il adult wara li temmew it-tħejjija ta' sena jew sentejn, skont il-bżonn partikulari ta' kull persuna, biex jirċievu s-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni ġimgħa fuq il-festa tal-Għid irċevew is-Sagrament tal-Magħmudija u l-ewwel tqarbina. Il-grupp kien magħmul minn persuni li ġejjin minn diversi pajjiżi tal-Afrika u l-Pakistan. Nhar il-festa ta' Pentekoste imbagħad uħud minnhom ingħaqdu flimkien ma oħrajn biex irċevew is-Sagrament tal-Konfermazjoni, waqt li fil-festa ta' Corpus ħamest t'itfal għamlu l-ewwel tqarbina.

## *Kummissijoni bejn il-Provinċja ta' Malta u l-Kustodja tal-Ingilterra*

Il-Provinċjal P. Richard S. Grech ofm u l-Kustodju Ingliż P. Patrick Lonsdale ofm waqt laqgħa tal-English Speaking Conference tal-Ordni tkellmu flimkien kif iż-żewġ entitajiet jistgħu jaħdmu flimkien aktar mill-qrib kif jixtieq l-Ordni fiż-żminijiet tallum. Fuq stedina tal-Provinċjal tagħna P. Patrick ġie Malta biex ikellem lid-Definitorju Provinċjali fuq is-sitwazzjoni tal-Kustodja Ingliża li n-numru tagħha huwa dejjem niżel tant li minn Provinċja ta' l-fuq minn 200 patri spiċċat Kustodja bi 30 patri li ħafna minnhom huma anzjani. Għal dan il-għan twaqqfet kummisjoni bejn iż-żewġ entitajiet biex taħdem u tressaq proposti ta' kif wieħed jista jikkolabora flimkien. Il membri tal-Kummisjoni magħżula miż-żewġ naħat huma Fr. Michael Copps ofm u Fr. Anthony Baya ofm għal Kustodja Ingliża u P. Charles M. Grech ofm u P Stephen Magro ofm għal Provinċja Maltija. (aqra d-dokument sħiħ fuq www.ofm.org.mt)



**L–AĦBAR** *mil-Provinċja San Pawl Appostlu - MALTA* - ***Editur:*** *P. Joseph Magro OFM*
***eMail:*** *jmagro@ofm.org.mt* - ***tel:*** *+356 21556095 - http://www.ofm.org.mt - www.fb.com/ofm.org.mt*